MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1178/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi**

**vs**

**Ryan Bonnici**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Ryan Bonnici ta' 22 sena, iben Louis u Angela nee' Arpa, imwieled fis-27 ta' Awwissu 1987 u residenti 'New Brighton', Flat 5 Lower St. Albert Street Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 383687(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-20 ta' Awwissu 2009 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer seraq senter tal-marka Luigi Franchi b' numru ta' serje mhassar li jiswa aktar minn mitejn tlieta u tletin Euro (Euro 233) pero' anqas minn elfejn u hames mitt Euro (Euro 2,500) ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex imexxihom.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Luigi Franchi b'numru ta' serje mhassar jew munizzjon xort' ohra milli b'licenzja u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Fl-20 ta' Awwissu 2009, f'dawn il-Gzejjer kien ghall-kacca fuq il-bahar waqt stagun maghluq.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imsemmijin fil-licenzja hekk kif mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Sar recidiv b'diversi sentenzi datati 16 ta' Frar 2001 (Mag Dr. S. Meli); 12 ta' Dicembru 2006 (Mag A.G. Vella); 17 ta' Jannar 2007 (Mag A.G. Vella); 18 ta' Ottubru 2008 (Mag A.G. Vella) liema sentenzi huma kollha definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba li barra il-piena skond il-ligi tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenzja tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn tlett snin.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Novembru 2009 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn

il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza tieghu surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2011 ghat-tielet(3), ir-raba' u l-hames imputazzjoni migjuba fil-konfrornti tieghu.

Rat illi waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2011 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet taqbel li l-ewwel u s-sitt imputazzjoni ma kienux jirrizultaw pruvati.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Dfiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn lli gejjin. Fl-20 ta' Awwissu 2009 waqt li kienet qed issir patrol fuq il-bahar mill-Pulizija tal-Administrative Law Enforcement intlemhet dghajsa bi tnejn min-nies fuqha li l-Pulizija dehrilhom li kienet suspettuza u meta din id-dghajsa giet imwaqqfa instabu zewgt irgiel fuqha, li wiehed minnhom kien l-imputat fejn dawn kellhom zewg armi tan-nar fil-pussess taghhom. L-imputat Ryan Bonnici kellu arma tal-marka Luigi Franchi bin-numru tas-serje imhassar. Mill-provi rrizulta li l-istagun tal-kacca fuq il-bahar kien maghluq f'dak il-perijodu. Mill-provi u senjatament mix-xhieda u mir-rapport tal-espert tal-Qorti PC 1525 Patrick Farrugia[1] jirrizulta li l-arma li nstabet fil-pussess tal-imputat kellha n-numru tas-serje imhassar u li min hassar dan in-nurmu kien jaf x'inhuwa jaghmel ghaliex nizel hafna fil-fond fil-process ta' thassir tas-serial number u

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda u rapport relsttiv inseriti a fol. 19 sa 26 tal-atti processwali.

uza ghodda li ttaqqab u ghalhekk numru wiehed biss mis-serial number seta' jigi rkuprat. Dan ovvjament kien ifisser li l-investigaturi ma setghux jistabilixxu x'kien s-serial number ta' din l-arma u konsegwentement l-anqas minn fejn din originat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat fl-istqarrijia minnu rilaxxjata fl-20 ta' Awwissu 2009[2] ikkonferma li fl-istess gurnata huwa kien qieghed jikkaccja fuq il-bahar ma Noel Grech, il-propjetarju tad-dghajsa li kienu fuqha, fil-mument li waqfuhom il-Pulizia. Huwa qal ukoll li s-senter tal-marka Luigi Franchi bla serje kien tieghu u li huwa kien xtrah ghall-mitt Ewro minghand persuna ta nazzjonalita' Gharbija li kien waqfu l-Mghatab fejn huwa kien jahdem u qal li l-istess senter kien izommu f'ghalqa ma genb id-dar tieghu fl-Imsida.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'sitt imputazzjonijiet fosthom l-imputazzjoni ta' serq tal-arma Luigi Franchi (l-ewwel imputazzjoni) u bir-ricettazzjoni tal-istess arma (it-tieni imputazzjoni). Kif diga' ntqal aktar 'il fuq il-Prosekuzzjoni ikkoncediet li l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata u effettivament il-Qorti setghat tikkonstata li minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-imputat kien seraq l-imsemmija arma. Il-Qorti izda jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni l-anqas ma jirrizulta pruvat ir-reat ta' ricettazzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li sabiex jirrizulta ir-reat ta' ricettazzjoni irid l-ewwel jirrizulta li l-oggett misjub fil-pussess tal-persuna akkuzata kien effettivament misruq jew mehud b'qerq jew akkwistat b'reat. F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-arma li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet giet misruqa jew mehuda b'qerq u ghalhekk isegwi li wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' ricettazzjoni huwa nieqes u isegwi li l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' dan ir-reat. Il-fatt wahdu li meta gie fil-pussess tal-arma l-imputat seta' kellu suspett dwar

[2] Inserita a fol. 18 tal-atti processwali.

l-origini taghha wahdu ma jwassalx ghas-sejbien ta’ htija ghar-reat ta’ ricettazzjoni ghaliex l-ewwel irid jirrizulta li l-oggett in dizamina jkun effettivament gie misruq jew akkwistat b’reat jew mehud b’qerq.

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet(3), ir-raba’(4) u l-hames(5) imputazzjoni gew ammessi mill-imputat u fi kwalunkwe kaz mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat huwa hati ta’ dawn ir-reati indikati fl-imsemmija imputazzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova tar-recidiva u lejalment ikkoncediet li s-sitt(6) imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti tenut kont tal-eta’ tal-imputat izda tenut kont ukoll tal-fatt li l-imputat instab ghall-kacca fuq il-bahar fl-istagun maghluq u tenut kont li mill-fedina penali tieghu jidher li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa kkommetta reati konnessi mal-kacca, jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena pekunjarja vicin il-massimu imponibbli kif ukoll skwalifika tal-licenzja tal-kacca ghal zmien sostanzjali u dan sabiex l-imputat forsi jifhem darba ghal dejjem li r-regolamenti dwar il-kacca iridu jigu osservati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(e) u (f), 12 u 27 tal-Avviz Legali 79/2006 kif ukoll l-Artikoli 41 u 51(8) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet(3), tar-raba’(4) u tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa kumplessiva ta’ elf u tlett mitt Ewro (€1,300). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2) u tas-sitt(6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-arma tal-marka Luigi Franchi b’numru ta’ serje imhassar liema arma giet esebita formalment waqt l-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2010 u hija mmarkata bhala Dok. AB1.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jzomm jew jotjeni licenzja tal-kacca ghall-perijodu ta’ tnax(12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------